MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 553/2014

**Catermax Limited**

**vs**

**Joseph Attard u martu Francina Attard nee' Farrugia**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Catermax Limited li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Il-konvenuti solidament bejniethom huma debituri tas-socjetà attrici fis-somma ta' tlettax-il elf tmien mija u erbghin Ewro (€13,840.00) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghal tieg li gie organizzat f'isimhom mis-socjetà attrici fil-11 ta' Ottubru 2013 u dan skond kuntratt iffirmat mill-konvenuta Francina Attard nee Farrugia f'isimha u f'isem Joseph Attard stess datata 27 ta' Lulju 2012 hekk kif jirrizulta mill-kuntratt anness u mmarkat Dok. CL1.

Dan l-ammont dovut jikkonsisti fl-organizzazzjoni ta' tieg tal-konvenuti stess, liema tieg sar gewwa l-Corinthia Hotel fil-bajja ta' San Gorg u li ghalih kien hemm mistiedna 400 persuna hekk kif jirrizulta mill-banquet event order u l-istatement annessi u mmarkati Dok. CL2 u CL3 rispettivament.

Is-socjetà attrici sejhet diversi drabi lill-konvenuti sabiex jithallas l-bilanc imsemmi, izda ghad li saru diversi weghdiet f'dan ir-rigward, dawn baqghu inadempjenti.

L-ammont fuq premess huwa cert, likwidu u dovut, u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu ghat-talba attrici u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghat-tenur tal-Artikli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u s-socjetà attrici qieghda tannetti ma dan l-att affidavit (Dok. CL4) ghall-iskop tal-istess artikoli msemmija.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjetà attrici bid-dispensa tas-smigh ghat-tenur tal-Artikli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjetà attrici l-ammont ta' tlettax-il elf tmien mija u erbghin Ewro (€13,840.00) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghal tieg li gie organizzat f'isimhom mis-socjetà rikorrenti fil-11 ta' Ottubru 2013 fuq struzzjonijiet taghhom stess ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali 166A nru. 37/2014, tal-mandat ta' sekwestru mahrug kontestwalment ma dan ir-rikors fil-konfront tal-konvenuti bl-imghax legali skond il-ligi fuq is-sorte kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati, l-intimati ma dehrux biex jirrispondu ghall-kawza.

Semghet lix-xhud.

Ikkunisdrat illi t-talbiet tas-socjetà rikorrenti huma gustifikati u jisthoqqilhom jintlaqghu.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi tilqa' l-ewwel talba ta' Catermax Limited; tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Joseph Attard u Francina Attard nee' Farrugia ihallsu lill-istess Catermax Limited is-somma ta' €13,840 (tlettax-il elf tmien

mija u erbghin Ewro) bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Joseph Attard u Francina Attard imwielda Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------